# LECTIO DIVINA
# It-Tnejn u Tletin Ħadd
# Matul is-Sena (Sena B)

**Mk 12, 38-44**

**Kuntest.**

Prinċipalment fit-tempju fl-aħħar ġimgħa, meta jinqalgħu diversi kwistjonijiet ma' Ġesù dwar is-setgħa tiegħu, il-ħlas tat-taxxa, il-qawmien mill-imwiet, l-interpretazzjoni tal-Iskrittura. Il-kunflitt jibda bit-tkeċċija tal-bejjiegħa mit-tempju (11,15-19) u kull ma jmur jiħrax tant li jolqot lil kull kategorija ta' kapijiet: qassisin il-kbar, il-kittieba, x-xjuħ, il-Fariżej, l-Erodjani, is-Sadduċej. Din il-parti tal-vanġelu mhux biss tibda fit-tempju (11,15s.) imma tispiċċa wkoll bil-kliem dwar it-tempju u l-qerda tiegħu (12,41-13,2), qerda fiżika li tirrifletti dik morali. Hu wkoll l-aħħar diskors "pubbliku" ta' Ġesù qabel id-diskors eskatoloġiku mad-dixxipli tiegħu. U għalhekk għandu l-piż tal-aħħar parti.

**[Mk:12:38] Hu u jgħallimhom qal ukoll: "Iftħu għajnejkom mill-kittieba, li jħobbu jduru mat-toroq bi lbiesi twal, jixtiequ min isellmilhom fil-pjazez, [Mk:12:39] u fis-sinagogi joqogħdu fis-siġġijiet ta' quddiem, u fil-postijiet ewlenin fil-pranzijiet;**

Ġesù qed jindirizza lil kulħadd. Jibda b'imperattiv fil-preżent (*βλέπετε*) li juri periklu kostanti: "iftħhu għajnejkom dejjem; attenti dejjem...". Min min? Mill-midinbin? Mill-pubblikani? *Iftħu għajnejkom mill-kittieba*... kategorija ta' nies rispettata ħafna għax m'għandhomx x'jaqsmu ma' kitba kwalsiasi, imma mal-istess Torah. Huma dawk li jinterpretaw l-Iskrittura, it-teologi u l-avvukati ta' dak iż-żmien. Imsejħa wkoll biex jagħtu l-opinjoni fis-sentenzi ġudizzjarji, għax jafu l-Liġi. Ara l-eloġju lill-iskriba f'Bin Sirak 39,1-11, u l-apprezzament ta' wieħed minnhom ftit qabel minn Ġesu (12,28-34).

Dawn iħobbu (*θελόντων* participju preżent)... jidhru, jilbsu, jiddistingwu ruħhom, ikunu rispettati, msellma, mogħtija preċedenza, jagħżlu l-postijiet ta' quddiem (***πρωτο****καθεδρίας* ***πρωτο****κλισίας*) fejn jidhru, għandhom l-aktar unur u fejn jiġu servuti l-ewwel (għax qrib is-sid) u għalhekk aħjar. Dawn huma atteġjamenti kostanti, jew normali, mela... tajba. Iżda

dawn mhumiex tajba għal Ġesù. Dak li hu normali mhux bilfors hu skont il-qalb ta' Alla. Iżda dak li hu normali hu aktar diffiċli nindunaw bil-ħażen tiegħu. Infatti għalina normali nilbsu, niddistingwu ruħna, infittxu l-ewwel post, rispett... huma xewqat li jgħammru l-qalb ta' kulħadd u li ħafna drabi jmexxuna. Mill-banda l-oħra, għalkemm Ġesù hu ċar immens, xorta l-komunità Nisranija ġieli tħaddan l-istil tal-iskribi, saħansitra bl-istess għemejjel tagħhom li Ġesù kkundanna direttament. Aħseb u ara fl-affarijiet li Ġesù ma jsemmix b'mod ċar imma li jirriflettu l-istil tal-iskribi!
Ninnutaw ukoll li dawn in-nies jgħixu għax/biex l-oħrajn jarawhom. Huma xi ħadd skont kemm jiġu apprezzati, rispettati... Jgħixu grazzi għall-opinjoni tal-ieħor. U meta dan ir-rwol favorevoli jaqa'?

**[Mk:12:40] iberbqu ġid ir-romol, u mbagħad għal wiċċ in-nies idumu ħafna jitolbu. Dawn jieħdu kundanna aktar iebsa."**

Mill-ġdid għandna żewġ partiċipji preżent: *οἱ κατεσθίοντες*, li jieklu/jaħkmu/jiddivoraw djar/beni tar-romol, u *προσευχόμενοι*, jitolbu ħafna u taparsi (*προφάσει*). It-tnejn jirreferu għal stati abitwali. Bħala avukati setgħu jiġu mitluba jamministraw il-propjetajiet u hekk jidħlu fi dritt ikollhom parti minnhom. Ir-romol flimkien mal-orfni u l-barranin huma n-nies imħarsa minn Alla stess, għax huma l-katergorija l-aktar dgħajfa. (Ġer 49,11: "Ħalli l-iltiema tiegħek, u jien ngħajjixhom u ħalli r-romol tiegħek jafdaw fija."; Salm 146,9: "Il-Mulej li jħares lill-barranin; hu li jżomm lill-iltim u lill-armla, imma lill-ħżiena jħarbtilhom triqathom."). Bħala rifless tal-qalb ta' Alla s-soċjeta' kellha tipprovdilhom hi (Ara per eżempju il-ktieb ta' Rut u Dt 14,28-29), anke permezz ta' għotjiet mit-tempju (2Mak 3,10). Ninnutaw kif l-awtur qed ipoġġi fejn xulxin is-serq u t-talb u kif dawn in-nies qed jgħaddu milli jieklu djar ir-romol għat-talb lil Alla. Mid-dehra l-qabża m'hiex diffiċli daqskemm wieħed jista' jaħseb. Barra minn hekk qed jinqdew bi ħwejjeġ qaddisa (it-talb) biex jikbru huma. Għal dawn in-nies nsibu merfugħa l-unika kundanna (*κρίμα*) fil-vanġelu għal grupp ta' nies.

**[Mk:12:41] Kien qiegħed biswit it-teżor, iħares u jara xi flus jitfgħu n-nies fit-teżor. Bosta għonja bdew jitfgħu ħafna.**

Ir-ripetizzjoni ta' kliem fil-v. 41-44 tagħti dawl fuq it-temi prinċipali tat-test: t-teżor (*γαζοφυλακίου*) x3, titfa' (*βάλλω*) x7, l-armla (*χήρα*) x3, dawk li tefgħu ħafna/sinjuri x3.

Ġesu qiegħed *bilqiegħda* (*καθίσας*) quddiem it-teżor, il-pożizzjoni ta' min ser jgħallem jew ser jgħaddi ġudizzju. It-tempju kellu ħafna rikkezzi u kien post fejn iduru ħafna flus. Jingħad li meta nqered fis-sena 70 il-prezz tad-deheb fil-provinċja kollha tas-Sirja tbaxxa bin-nofs. In-nies kienet tiġi u tagħmel l-offerta tagħha f'riċipjenti tal-bronż f'forma ta' tromba. Kull riċipjent, 13 b'kollox, kellu destinazzjoni speċifika għall-flus li jilqa' fih. Prinċipalment il-flus kienu jmorru għal-liturġija u l-manteniment tal-post u għall-karità. Għalhekk l-offerti kienu att ta' imħabba lejn Alla u lejn l-oħrajn. Dawn l-għotjiet kienu pjuttost evidenti, kemm fid-dehra u kemm fil-ħsejjes.

**[Mk:12:42] Resqet waħda armla fqira u tefgħet biċċtejn żgħar, jiġifieri xi tliet ħabbiet.**

L-armla fqira titfa' l-iżgħar biċċtejn, żewġ muniti tat-tempju (mingħajr l-immaġni tal-imperatur) li Mk jittraduċi għall-qarrejja tiegħu: kwadrant (*κοδράντης*), l-iżgħar munita Rumana. L-armla diġà' kienet introdotta fit-test bħala dik il-kategorija misruqa mill-iskribi. L-awtur jippreċiża – jekk kien hemm xi bżonn? – li kienet armla *fqira*.

**[Mk:12:43] Hu sejjaħ id-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Tassew ngħidilkom, li din l-armla fqira tefgħet iktar minn dawk kollha li tefgħu fit-teżor. [Mk:12:44] Għax dawk kollha tefgħu miż-żejjed tagħhom, imma hi, fil-faqar tagħha, tefgħet kull ma kellha, dak kollu li kellha biex tgħix."**

Ġesù jsejjaħ lejh lid-dixxipli, għax dawn huma affarijiet li qed jinnutahom Ġesù, bil-kriterji tiegħu. (Il-qarrej tal-Vanġelu ta' Mk li wasal sa hawn m'għadx baqalu dubji li d-dixxipli m'humiex f'sintonija ma' Ġesu). U jippronunċja kelma solenni (*ἀμὴν λέγω ὑμῖν*). Din il-mara tefgħet kollox. L-istess sustanza tagħha. Ħajjitha hi tassew f'idejn Alla.

Suppost hu t-tempju li jmantniha u mhux il-kontra. Suppost taħseb għal rasha jekk trid ikollha biex tgħix. Suppost tfittex drittijietha... Iżda hi tirriskja kollox, għax wieħed jidħol f'relazzjoni tassew meta r-relazzjoni tmiss l-affarijiet vitali. U tagħmel dan fil-moħbi għax għal għajn kulħadd l-offerta tagħha kienet miżera (Mt 6,1-21).

Tajjeb nimmaġinaw li l-għażla jew l-istil ta' din l-armla hi insinifikanti mhux biss fuq livell ekonomiku, imma wkoll meta mqabbel ma' sistema sħiħa li hi differenti u antagonista. Imma jidher li dawn l-għemejjel żgħar għandhom piż kbir, għax huma ta' vera. Din il-mara qegħda fil-linja tal-armla tal-ewwel qari (1 Re 17,10-16). Ninnutaw li Elija jiġi mibgħut minn Alla nnifsu għand din l-armla biex isib x'jiekol. Għalhekk hu Alla nnifsu li qed jurina li r-relazzjoni

miegħu tintlagħab fuq il-pjan tal-essenzjal. U mbagħad fil-linja tal-mara li tidlek ras il-Mulej b'vażett – li hi tkisser – ta' nard pur (14,3-9). U mbagħad tal-Mulej Ġesù li jagħti kollox u jintelaq f'idejn il-Missier. Għalhekk, il-ġest tal-armla jurina min hu Ġesù. Mhux ta' b'xejn li f'13,1-2 naqraw dwar il-qerda tat-tempju (ara mbagħad l-akkuża f'14,57), għax issa f'rapport mal-Missier nidħlu permezz u fl-istil ta' Ġesù li jġib aktar għad-dawl l-istil ta' Alla li aħna ħbejna. Irridu ngħaddu però minn dik li nistgħu nsejħu bħala l-mewt iż-żgħira tal-affidament. Ninnutaw ukoll kif dan l-att tassew reliġjuż ma kien jinvolvi kważi xejn reliġjuż esterjorment.

F'Mk niltaqgħu ma' 4 nisa oħra li jsiru mudell għad-dixxiplu minħabba l-fidi u l-imħabba tagħhom, żewġ karatteristiċi tal-istess munita: il-kunjata ta' Pietru (1,29-31), il-mara li tbati bit-tnixxiha tad-demm (5,21-34), il-mara Sirofeniċa (7,24-30) u il-mara fid-dar ta' Xmun. Fil-ħames każi nistgħu naraw id-differenza bejn dawk li jlissnu xi kliem (mudelli ta' fidi) u dawk li ma jgħidu xejn (mudelli ta' imħabba), għax l-imħabba mhux bilfors għandha bżonn tal-kliem. Madanakollu: "Tassew ngħidilkom, li kull fejn jixxandar l-Evanġelju fid-dinja kollha li għamlet din jingħad ukoll, b'tifkira tagħha" (Mk 14,9).